MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 404/1997/1

**Elmo Insurane Services Limited, bhala rappresentanti tas-socjeta’ estera Sun Alliance & London Insurance plc,**
**surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Brian Grima**

**Vs**

**Carmel sive Charles Mangion**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta’ hames mija sitta u disghin lira sitta u disghin centezmu (Lm596.96c) bhala danni mill-konvenut kagunati in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Tas-Sliema fit-2 ta’ Novembru 1994 meta ziemel bis-serkin li kien fil-

kustodja tal-konvenut sfratta u kkaguna hsara fil-car Nru N-2999, propjeta' ta' Brian Grima, prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident l-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tad-19 ta' Gunju 1995 u dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Jannar 1996, u bl-imghax legali mid-data tal-presentata tal-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 6 tal-atti) u li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni s-socjeta attrici ma ghandhiex interess guridiku biex tippromuovi l-azzjoni stante illi ma tezisti l-ebda surroga la legali u lanqas konvenzjonali bejn il-partijiet a tenur ta' l-artikoli 1165 u 1166 tal-Kodici Civili.

3. Illi fil-mertu l-konvenut ma huwiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni kif sollevata mill-konvenut.

Ikkunsidrat

Illi, dwar l-eccezzjoni preliminari kif sollevata mill-konvenut b'referenza ghall-artikolu 2153 tal-Kaptiolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-istess artikolu jistipula li azzjonijiet ghal danni "…. Not arising from a criminal offence are barred by the lapse of two years".

Illi kif risultanti mill-istess atti (fol 12, 13 u 14), is-socjeta attrici nomine kienet ippresentat ittra ufficjali, kontra l-konvenut u relattivament ghall-incident in esami, u dan fit-

22 ta’ Jannar 1996. L-istess ittra kif risultanti a fol 10, fol 12 u fol 14, kienet giet notifikata fil-21 ta’ Jannar 1996, cjoe pruvata qabel il-presentata taghha. Dwar l-istess notifika, il-konvenut spjega li l-‘pink card’ relattiva kienet iffirmata mill-konviventi tieghu cjoe Silvana Mallia waqt li sostna “Jien ma niftakarx jekk gejtx notifikat b’xi ittra ufficjali’. Hawnhekk jkun opportun li jinghad li din il-Qorti ma ghandhiex prova li tista’ torbot fuqha sabiex tikkonkludi li l-imsemmija ittra ufficjali giet, effettivament notifikta lill-konvenut u dan anke sal-gheluq ta’ xahar mill-ahhar jum tal-perjodu ta’ preskrizzjoni (ara l-artikolu 2130(1) tal-Kodici Civili). Difatti kif di gja inghad, mill-istess atti jidher li l-ittra ufficjali kienet giet notifikata lil Silvana Mallia, msemmija di gja, jum qabel il-presentata taghha.

Ikkunsidrat

Illi, inolte, l-incident in esami gara fit-2 ta‘ Novembru 1994 waqt li l-azzjoni odjerna giet intavolata fit-28 ta’ Frar 1997 u jekk wiehed jikkonsidra dak li, di gja, inghad fis-sens li ma hemm ebda prova li l-imsemmija ittra ufficjali giet, filfatt, notifikata lill-konvenut sa zmien xahar mill-ahhar jum tal-perjodu ta’ preskrizzjoni din l-azzjoni ghandha tigi meqjusa bhala estinta u ghalhekk l-eccezzjoni, in desamina, ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ l-eccezzjoni preliminari kif sollevata mill-konvenut u tiddikjara l-azzjoni in esami bhala estinta. In rigward l-ispejjes, fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz, li trattasi ta’ wiehed bazat fuq notifika ta’ ittra ufficjali pjuttost stramba kif hemm fuq spjegat kull parti ghandha tbati l-ispejjes taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------